L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-eżaminaturi għandhom isegwu l-proċedura ta' dan l-iskript biss, inklużi l-ħin ta' kull taqsima u l-mistoqsijiet. Għal skop ta' standardizzazzjoni, fl-ebda mument ma jistgħu joħorġu b'xi mistoqsijiet li mhux qegħdin f'dan l-iskript. L-eżaminaturi ma jistgħux jistaqsu mistoqsijiet personali u ma jistgħux jgħaddu kummenti fuq kif marru l-kandidati.

### IL-PROĊEDURA

### L-introduzzjoni (minuta, bla marki)

**Malli jidħlu l-kandidati l-eżaminaturi jgħidu:**

L-għodwa t-tajba/Il-waranofsinhar it-tajjeb. Se nibda billi nistaqsik xi mistoqsijiet sakemm toqgħod. Din il-parti ma fihiex marki.

Wara se nagħtik tliet titli biex tagħżel wieħed. Imbagħad se nagħtik silta marbuta mat-titlu li tkun għażilt u se jkollok 2 minuti u nofs biex taqraha f'qalbek. Tista' tniżżel xi noti li jistgħu jservuk għal waqt l-intervista li ssir fl-aħħar.

**Wara jistaqsu waħda waħda dawn il-mistoqsijiet:**

1. Kif tħossok meta tiġi biex tagħmel eżami tat-taħdit? Għaliex?
2. Għaliex għażilt li tkompli tistudja l-Malti f'dan il-livell?
3. Liema huwa l-aktar suġġett għal qalbek? Għaliex?
4. X'biħsiebek tagħmel wara li tlesti minn din il-fażi ta' studju?

Malli tgħaddi l-minuta, l-eżaminaturi jwaqqfu l-intervista u jgħaddu għat-tieni taqsima, ukoll f'każ li l-eżaminaturi ma jkunux laħqu staqsew il-mistoqsijiet kollha.

### Il-preparazzjoni (3 minuti, bla marki)

L-eżaminaturi jgħaddu lill-kandidati 3 titli minn 5 u jagħtuhom nofs minuta biex jagħżlu wieħed. Malli l-kandidati jagħżlu titlu, jagħtuhom it-test skont it-titlu magħżul u jgħidulhom li ma jistgħux jibdlu l-għażla tagħhom. Jgħidulhom ukoll li għandhom 2 minuti u nofs biex jaqraw f'qalbhom it-test marbut mat-titlu u jekk iridu, jistgħu jniżżlu xi punti dwaru fuq karta pprovduta.

### Il-qari b'vuċi għolja (2 minuti, 8 marki)

Kif jgħaddu ż-żewġ minuti, l-eżaminaturi jitolbu lill-kandidati jaqraw b'vuċi għolja t-test li għażlu. F'każ li l-kandidati jdumu iktar minn żewġ minuti biex jaqraw it-test sħiħ, l-

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

eżaminaturi jwaqqfu din il-parti u jgħaddu għat-taqsima li jmiss. F'każ li l-eżaminaturi jaraw li l-kandidati qed ibatu ħafna biex jaqraw it-test, jistgħu jwaqqfu din it-taqsima wara 30 sekonda. Fl-ebda mument l-eżaminaturi ma jistgħu jgħinu lill-kandidati fil-qari.

**L-intervista (9 minuti, 12-il marka)**

Wara li jitlesta l-qari, l-eżaminatur ikompli jaqra l-istqarrija u jkompli bil-mistoqsijiet.

**(Total: 20 marka)**

**L-ISKEMA TAL-MARKI TAL-ORAL**

L-eżaminaturi għandhom jużaw din l-iskema tal-marki, maqsuma fi tnejn: waħda għall-qari b'vuċi għolja u l-oħra għall-intervista.

**A.**

| **Il-kompetenza fil-qari b'vuċi għolja** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| 1. | Kapaċi jippronunzjaw il-kliem b'Malti standard. | 0-2 |
| 2. | Kapaċi jaqraw bis-sens (jiġifieri jirrispettaw it-ton li hemm fis-silta). | 0-2 |
| 3. | Kapaċi jaqraw b'mod mexxej (jiġifieri jirrispettaw il-punteġġjatura). | 0-2 |
| 4. | Kapaċi jaqraw in-numri fis-silta. (Il-kandidati jieħdu l-marka jekk jaqraw iż-żewġ numri b'mod tajjeb.) | 0-2 |
| It-total | | 8 |

**B.**

| **Il-kompetenza fit-tweġib tal-mistoqsijiet tal-intervista** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| 1. | Kapaċi jużaw pronunzja standard. | 0-2 |
| 2. | Kapaċi jwieġbu b'mod relevanti kull mistoqsija. | 0-2 |
| 3. | Kapaċi jagħtu opinjoni/jiet u r-raġuni/jiet fuq it-tema. | 0-2 |
| 4. | Kapaċi jipotizzaw sitwazzjoni mit-tagħrif li jingħatalhom u joffru soluzzjoni/jiet possibbli. | 0-2 |
| 5. | Kapaċi jużaw Malti idjomatiku. | 0-2 |
| 6. | Kapaċi jużaw lessiku xieraq fid-diskors tagħhom. | 0-2 |
| It-total | | 12 |

Fit-taqsima tal-intervista l-kandidati ma jistgħux iġibu iżjed minn 6 marki jekk:

- il-Malti tagħhom huwa batut ħafna, jiġifieri miżgħud bi żbalji grammatikali u/jew lessikali (billi, ngħidu aħna, idaħħlu kliem mill-Ingliż mingħajr bżonn), u/jew ikunu qatgħu fil-qosor wisq it-tweġibiet tagħhom.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

### Tema A: Studji fit-teknoloġija

Statistika maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea f'Mejju tal-2014 turi li minkejja li hemm aktar nies li qed jużaw l-internet, kważi 50% tal-popolazzjoni m'għandhiex il-ħila diġitali meħtieġa fl-ambjent tax-xogħol tal-lum. Għad għandna din il-lakuna fil-ħiliet minkejja li llum neħtieġu aktar speċjalisti tal-informatika minn qatt qabel, u l-impjiegi relatati mal-informatika qed jinħolqu ħafna aktar malajr minn impjiegi f'setturi oħra. Biex tittratta din il-kwistjoni, il-Kummissjoni Ewropea laqqgħet il-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali. L-imsieħba tal-koalizzjoni jintrabtu li jieħdu azzjoni speċifika biex jiżdied it-taħriġ fl-informatika, jattiraw żgħażagħ fl-edukazzjoni tal-informatika jew jgħinu biex jimmodernizzaw l-edukazzjoni tal-informatika.

*Silta minn Aġenda Diġitali għall-Ewropa, (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014)*

L-eżaminaturi jgħidu:

**Inti għażilt li titkellem dwar l-istudji fit-teknoloġija. Fis-silta li qrajt, insibu dan li ġej: "Għad għandna din il-lakuna fil-ħiliet minkejja li llum neħtieġu aktar speċjalisti tal-informatika minn qatt qabel, u l-impjiegi relatati mal-informatika qed jinħolqu ħafna aktar malajr minn impjiegi f'setturi oħra. "**

L-eżaminaturi jkomplu l-mistoqsijiet u jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs, jiġifieri madwar 8 minuti.

**1. Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**

**2. Taħseb li ż-żgħażagħ f'pajjiżna huma konxji mill-importanza tal-informatika? Għaliex?**

**3. Taħseb li t-teknoloġija qed ittejjeb il-ħajja tal-Ewropej? Għaliex?**

**4. Taħseb li s-sistema edukattiva Maltija qed tagħti biżżejjed opportunitajiet liż-żgħażagħ biex jitħarrġu fl-oqsma tat-teknoloġija? Għaliex?**

**5. X'tista' tagħmel inti biex tikkonvinċi lil nies li taf biex jibdew jużaw l-internet biex jixtru oġġetti li jkollhom bżonn?**

**6. Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra mat-tweġibiet li tajtni?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

### Tema B: Il-varjetà klimatika

Nakatsuka, paleoklimatolgu fl-Istitut tar-Riċerka tal-Umanità u n-Natura fil-Ġappun, flimkien ma' tim ta' 68 kollaboratur, għadda dan l-aħħar deċennju jiżviluppa metodu ġdid li jikxef modi komuni ta' kif tinżel ix-xita u jinterpreta l-effetti fis-soċjetà. Ir-riżultati s'issa jitfgħu dawl fuq 2,600 sena ta' skemi ta' nżul ix-xita fil-Ġappun. L-istudjużi siltu t-tagħrif mill-injam qadim ippreżervat f'foresti xjuħ ħafna u bih urew kemm niżlet xita dawn l-aħħar elfejn sena u nofs. Meta qabblu t-tagħrif li sabu mal-ġrajjiet storiċi tal-Ġappun, ikkonkludew li l-prosperità klimatika kellha effetti fuq in-nies. Nakatsuka saħaq li l-varjetà klimatika fuq medda ta' għexieren ta' snin tista' tittrasforma l-bniedem għall-aħjar jew għall-agħar.

*Silta tradotta u addattata minn "How Japan's Ancient Trees Could Tell the Future" (6 ta' Frar 2019; www.bbc.com)*

L-eżaminaturi jgħidu:

**Inti għażilt li titkellem dwar il-varjetà klimatika. Fis-silta l-istudjuż tal-klima qal li: "[...] l-varjetà klimatika [...] tista' tittrasforma l-bniedem għall-aħjar jew għall-agħar."**

L-eżaminaturi jkomplu l-mistoqsijiet u jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs, jiġifieri madwar 8 minuti.

**1. Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**

**2. Taħseb li l-bniedem għadu fil-ħin biex isalva d-dinja milli tkompli tinqered? Għaliex?**

**3. Taħseb li t-tisħin globali qed ikollu effetti ħżiena fuq pajjiżna? Għaliex?**

**4. Taħseb li għad jasal żmien meta l-bniedem ikollu jitlaq mid-dinja li jgħix fiha u jmur ifittex xortih fuq xi pjaneta oħra? Għaliex?**

**5. X'tista' tagħmel inti biex tikkonvinċi lil sħabek isiru iktar konxji tal-ħtieġa li nirrispettaw in-natura?**

**6. Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra mat-tweġibiet li tajtni?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

### Tema Ċ: Is-saħħa u l-ikel

Waqt li l-influwenza għadha għaddejja, tajjeb inkunu nafu li l-ikel li nieklu jista' jgħin is-sistema immunitarja tiegħek fil-ġlieda kontra s-sogħla u l-għatis. Samantha Heller, djetologa rreġistrata u nutrizzjonista anzjana f'ċentru tas-saħħa fi New York qalet li m'hemmx ikel wieħed jew xi dieta speċifika li tista' tipprevjeni lill-bniedem milli jimrad. Fl-istess ħin, skont Heller, li wieħed jiekol ikel mimli nutrijenti jista' jkun ta' benefiċċju għas-saħħa tiegħu. Fl-istess ħin ukoll, mill-istudji kkontrollati li saru fuq 6,269 tifel u tifla nstab li l-konsum tal-probijotiċi, jew batterji tajbin, huwa mod tajjeb ħafna biex wieħed inaqqas l-inċidenza ta' infezzjonijiet respiratorji fit-tfal. Ir-riżultat ixxandar fl-2016.

*Silta tradotta u addattata minn "Why Colorful Foods Boost Immunity" (5 ta' Frar 2019; www.cnn.com)*

L-eżaminaturi jgħidu:

**Inti għażilt li titkellem dwar is-saħħa u l-ikel. Fis-silta li qrajt, djetologa u nutrizzjonista qalet li: "[...] li wieħed jiekol ikel mimli nutrijenti jista' jkun ta' benefiċċju għas-saħħa tiegħu."**

L-eżaminaturi jkomplu l-mistoqsijiet u jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs, jiġifieri madwar 8 minuti.

**1. Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**

**2. Taħseb li llum il-ġurnata l-bniedem qed jimrad iktar minħabba t-tip ta' ħajja li qed jgħix? Għaliex?**

**3. Taħseb li x-xjuħ tagħna kellhom raġun meta kienu jgħidu li iktar ma wieħed jiekol iktar ikun b'saħħtu? Għaliex?**

**4. Taħseb li fil-ġejjieni x-xjenza għad tiskopri l-mediċina li żżomm lill-bniedem milli jmut? Għaliex?**

**5. X'tista' tagħmel inti biex tikkonvinċi lill-ġenerazzjoni tiegħek tiekol ikel nutrittiv filwaqt li jagħmlu aktar sports?**

**6. Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra mat-tweġibiet li tajtni?**

Malli tispiċċa l-intervista, l-eżaminaturi jgħidu: Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

**Tema A: Studji fit-teknoloġija**

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

**Tema B: Il-varjetà klimatika**

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

**Tema Ċ: Is-saħħa u l-ikel**

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

**Tema A: Studji fit-teknoloġija**

Statistika maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea f'Mejju tal-2014 turi li minkejja li hemm aktar nies li qed jużaw l-internet, kważi 50% tal-popolazzjoni m'għandhiex il-ħila diġitali meħtieġa fl-ambjent tax-xogħol tal-lum. Għad għandna din il-lakuna fil-ħiliet minkejja li llum neħtieġu aktar speċjalisti tal-informatika minn qatt qabel, u l-impjiegi relatati mal-informatika qed jinħolqu ħafna aktar malajr minn impjiegi f'setturi oħra. Biex tittratta din il-kwistjoni, il-Kummissjoni Ewropea laqqgħet il-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali. L-imsieħba tal-koalizzjoni jintrabtu li jieħdu azzjoni speċifika biex jiżdied it-taħriġ fl-informatika, jattiraw żgħażagħ fl-edukazzjoni tal-informatika jew jgħinu biex jimmodernizzaw l-edukazzjoni tal-informatika.

*Silta minn Aġenda Diġitali għall-Ewropa, (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014)*

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

**Tema B: Il-varjetà klimatika**

Nakatsuka, paleoklimatolgu fl-Istitut tar-Riċerka tal-Umanità u n-Natura fil-Ġappun, flimkien ma' tim ta' 68 kollaboratur, għadda dan l-aħħar deċennju jiżviluppa metodu ġdid li jikxef modi komuni ta' kif tinżel ix-xita u jinterpreta l-effetti fis-soċjetà. Ir-riżultati s'issa jitfgħu dawl fuq 2,600 sena ta' skemi ta' nżul ix-xita fil-Ġappun. L-istudjużi siltu t-tagħrif mill-injam qadim ippreżervat f'foresti xjuħ ħafna u bih urew kemm niżlet xita dawn l-aħħar elfejn sena u nofs. Meta qabblu t-tagħrif li sabu mal-ġrajjiet storiċi tal-Ġappun, ikkonkludew li l-prosperità klimatika kellha effetti fuq in-nies. Nakatsuka saħaq li l-varjetà klimatika fuq medda ta' għexieren ta' snin tista' tittrasforma l-bniedem għall-aħjar jew għall-agħar.

*Silta tradotta u addattata minn "How Japan's Ancient Trees Could Tell the Future" (6 ta' Frar 2019; www.bbc.com)*

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

### Tema Ċ: Is-saħħa u l-ikel

Waqt li l-influwenza għadha għaddejja, tajjeb inkunu nafu li l-ikel li nieklu jista' jgħin is-sistema immunitarja tiegħek fil-ġlieda kontra s-sogħla u l-għatis. Samantha Heller, djetologa rreġistrata u nutrizzjonista anzjana f'ċentru tas-saħħa fi New York qalet li m'hemmx ikel wieħed jew xi dieta speċifika li tista' tipprevjeni lill-bniedem milli jimrad. Fl-istess ħin, skont Heller, li wieħed jiekol ikel mimli nutrijenti jista' jkun ta' benefiċċju għas-saħħa tiegħu. Fl-istess ħin ukoll, mill-istudji kkontrollati li saru fuq 6,269 tifel u tifla nstab li l-konsum tal-probijotiċi, jew batterji tajbin, huwa mod tajjeb ħafna biex wieħed inaqqas l-inċidenza ta' infezzjonijiet respiratorji fit-tfal. Ir-riżultat ixxandar fl-2016.

*Silta tradotta u addattata minn "Why Colorful Foods Boost Immunity" (5 ta' Frar 2019; www.cnn.com)*

**(Total: 20 marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | I |
| DATA: | |
| ĦIN: | **3 Sighat** |

**Il-Lingwa u l-Lingwistika.**

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Taqsima A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA**

**Ikteb komponiment argumentattiv ta’ bejn 500 u 550 kelma fuq WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. F’Novembru tal-2018 l-Ewropa fakkret il-mitt sena tal-armistizju li temm l-Ewwel Gwerra Dinjija. Nistgħu ngħidu li llum il-kontinent li ngħixu fih mhux se jerġa’ jittebba’ bid-demm tal-miljuni? Iddiskuti.

*JEW*

2. F’xi pajjiżi fl-Ewropa, is-settur tal-biedja qed jikber waqt li f’pajjiżi oħrajn qed jiċkien. X’qed jiġri f’pajjiżna fil-qasam tal-biedja? X’inhuma d-diffikultajiet li qed jiffaċċjaw il-bdiewa? Hemm żgħażagħ lesti li jidħlu f’dan il-qasam?

*JEW*

3. Il-kunsilli lokali ilhom 25 sena jaħdmu f’pajjiżna. Bħalissa qed jinġabru proposti biex issir riforma fihom bil-ħsieb li jġeddu l-mod ta’ kif dawn jaffettwaw għall-aħjar il-ħajja taċ-ċittadini. Inti x’riformi tissuġġerixxi biex il-kunsilli lokali jiffunzjonaw aħjar?

*JEW*

4. Ħamsin sena ilu l-bniedem rifes għall-ewwel darba fuq il-qamar. Illum qed naħsbu li minn hawn u għaxar snin oħra nibagħtu l-ewwel bniedem fuq Mars. Iddiskuti l-avvanzi fit-teknoloġija u fejn tista’ twassalna.

**(Total: 20 Marka)**

**Taqsima B: IL-QARI**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Xi kultant ninsew li din l-art tagħna nistgħu naqsmuha mit-tarf t’isfel sal-punt l-aktar imbiegħed fin-naħa ta’ fuq f’siegħa sewqan. Fi tfulitna, meta min-naħa t’isfel tal-pajjiż konna nsuqu lejn, dak iż-żmien il-Marfa, biex nitilgħu s’Għawdex, il-ġenituri kienu jdaħħluna norqdu kmieni għax l-għada kien se jkollna “vjaġġ twil”. Persważ li ma kinux jgħidulna biex jeħilsu minna, imma kienu verament iqisu dal-vjaġġ minn tarf sa tarf tal-pajjiż bħala twil ħafna. Għax imqar id-distanza hija relattiva minkejja li tista’ tkejjilha bi preċiżjoni assoluta. *(par. 1)*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

Xi kultant ninsew ukoll li wieħed mill-vizzji nazzjonali huwa li nimlew il-vojt. Hekk konna nagħmlu l-iskola primarja wkoll: eżerċizzju tal-grammatika wieħed wara l-ieħor, jitolbuna biex nimlew il-vojt. U tassew, l-eżerċizzji tal-grammatika kienu jiġu trasferiti għal oqsma oħrajn tal-ħajja ta' kuljum. Pajjiżna dejjem kien iħobb il-grammatika u dejjem iħobb jimla l-vojt. Ngħidu aħna, knisja f'kull żewġ kantunieri; stage tal-karozza tal-linja kull kantuniera u nofs; ħanut tal-merċa f'kull kantuniera; zebra crossing kull erba' passi. U b'hekk id-distanzi dejjem jiqsaru u, b'konsegwenza, il-perċezzjoni tad-daqs tal-pajjiż dejjem tiċkien u tiċkien. *(par. 2)*

Terġa' u tgħid, il-mili tal-vojt tant hu eżerċizzju li nħobbu li wassalna biex verament nimlew dak li kien vojt: xi għalqa lejn tarf ir-raħal tinbidel fi ġnien għar-rikreazzjoni tat-tfal li fih la tista' tilgħab bil-ballun, la ssuq ir-rota jew l-iskateboard, la taqbeż il-ħabel, aktarx li lanqas timxi, biżżejjed jekk tpoġġi bilqiegħda fuq wieħed mill-bankijiet tal-ġebel jew taħt xi gazebo tammira l-funtana li bħala regola ġenerali ddum ittajjar l-ilma ġimgħa u mbagħad tieqaf il-waqfa ta' dejjem. Bħalma, sfortunatament, hawn min għandu allerġija għal-lewż, jew għas-suf jew in-nylon, aħna għandna allerġija għall-vojt, donnu huwa dnub li jkollok naqra vojt. *(par. 3)*

M'iniex nikteb dan biex niġbed saqajn ir-Repubblika, iżda bħal ħafna oħrajn dil-ġimgħa ġibt għajnejja wara widnejja meta qrajt li hemm proposta għal żewġ gabbani mdaqqsa fuq iż-żewġ naħat ta' Triq il-Kosta li għadha kemm infetħet. Triq il-Kosta titlaq minn lokal mimli ristoranti u kafetteriji u tispiċċa f'lokal li wkoll huwa mimli ristoranti u kafetteriji. Hemm ukoll proposta għal pompa tal-petrol, (ma neħodhiex bi kbira) b'xi kafetterija magħha. Jekk issuqha minn San Ġiljan sa San Pawl il-Baħar, b'veloċità normali, m'għandekx tieħu aktar minn ftit minuti, imma minħabba li parti sostanzjali mit-triq tgħaddi ma' kosta bla bini, il-perċezzjoni tas-sewwieqa tista' tkun li qegħdin jaqsmu xi awtostrada li se teħodhom minn pajjiż għal ieħor, li tista' taqbadhom debbulizza kbira meta jkunu għadhom f'nofs triq, li t-tank tal-petrol se jiżvojtalhom eżatt malli taqbeż dan in-nofs. *(par. 4)*

Il-vojt, għal darba oħra, irid jimtela. Il-pajjiż kbir wisq u hemm bżonn jiċċekken ftit ieħor. *(par. 5)*

Il-pitazzi bil-qoxra blu skura kienu jimtlew ukoll bil-komponimenti minbarra bl-eżerċizzji li fihom kien ikollna nimlew il-vojt. Pereżempju, "X'Nixtieq Insir la Nikber", jew "Il-Familja Tiegħi", jew "Il-Ġugarelli", jew "Ir-Raħal fejn Noqgħod". Dak iż-żmien, meta konna niktbu fuq ir-raħal fejn noqogħdu, konna niktbu fuq "it-tarf tar-raħal tagħna", bl-idea li wara dak it-tarf kien hemm xi dagħbien, jew it-tarf tar-raħal attwalment kien it-tarf tad-dinja. Il-poeta Ġorġ Borg kien saħansitra ppubblika ġabra ta' kitbiet bit-titlu *Stejjer minn Tarf ir-Raħal* u fuq il-qoxra kien hemm bidwi jiġbed karrettun minn ħdejn ħajt tas-sejjieħ bil-pal tal-bajtar jittawwal lejn it-trejqa, b'kamra warajh li aktarx kienet timmarka t-tarf tar-raħal. Imma llum il-kunċett ta' tarf ta' raħal tista' tgħid li sparixxa għax il-vojt bejn raħal u ieħor, iva, imtela. *(par. 6)*

Sakemm jimtela dan il-vojt bil-proposti l-ġodda, ippermettuli nixtiqilkom il-Milied it-Tajjeb, Milied mimli b'mumenti sbieħ, mimli ferħ, u mimli paċi u sliem. U jalla l-vojt tal-ħajja ta' kuljum jimtela, imqar temporanjament. *(par. 7)*

*Addattata mill-artiklu "Imla l-Vojt" ta' Immanuel Mifsud li deher fil-gazzetta Malta Llum, 13.xii.2015.*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija VERA. (2 marki)

a. Skont l-awtur, meta kien għadu tifel, ommu u missieru kienu jaraw li l-vjaġġ biex wieħed jaqsam Malta kien wieħed pjuttost twil.

b. Skont l-awtur, Malta mhijiex daqstant żgħira meta wieħed jikkalkula li jista' jaqsamha minn tarf sa tarf f'madwar siegħa bil-karozza.

ċ. Skont l-awtur, meta kien għadu tifel, il-ġenituri tiegħu kienu jdaħħluh jorqod kmieni biex l-għada jbakkar għall-vjaġġ li kien jieħdu lejn Għawdex.

d. Skont l-awtur, il-medda bejn post u ieħor tiddependi minn kemm ikun hemm bini.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba. (4 marki)

a. Il-kelma perċezzjoni fis-sentenza: "U b'hekk id-distanzi dejjem jiqsaru u, b'konsegwenza, il-perċezzjoni tad-daqs tal-pajjiż dejjem tiċkien u tiċkien." *(par. 2)* tfisser:

- **i.** perċentwal
- **ii.** impressjoni
- **iii.** eskalazzjoni
- **iv.** esibizzjoni

b. Il-kelma **dagħbien** fis-sentenza: "Dak iż-żmien, meta konna niktbu fuq ir-raħal fejn noqogħdu, konna niktbu fuq "it-tarf tar-raħal tagħna", bl-idea li wara dak it-tarf kien hemm xi dagħbien, jew it-tarf tar-raħal attwalment kien it-tarf tad-dinja." *(par. 6)* tfisser:

- **i.** tromba
- **ii.** abbiss
- **iii.** dewmien
- **iv.** għalqa

ċ. L-espressjoni **niġbed is-saqajn** fis-sentenza: "M'iniex nikteb dan biex niġbed saqajn ir-Repubblika, iżda bħal ħafna oħrajn dil-ġimgħa ġibt għajnejja wara widnejja meta qrajt li hemm proposta għal żewġ gabbani mdaqqsa fuq iż-żewġ naħat ta' Triq il-Kosta li għadha kemm infetħet." *(par. 4)* tfisser:

- **i.** inżeblaħ
- **ii.** ninki
- **iii.** immaqdar
- **iv.** ngħajjar

d. L-idjoma **ġibt għajnejja wara widnejja** fis-sentenza: "M'iniex nikteb dan biex niġbed saqajn ir-Repubblika, iżda bħal ħafna oħrajn dil-ġimgħa ġibt għajnejja wara widnejja meta qrajt li hemm proposta għal żewġ gabbani mdaqqsa fuq iż-żewġ naħat ta' Triq il-Kosta li għadha kemm infetħet. " *(par. 4)* tfisser:

- **i.** skantajt
- **ii.** dħaqt
- **iii.** bkejt
- **iv.** għalaqt għajnejja

3. Agħmel taqsira fi kliemek dwar kif kienet il-perċezzjoni tal-Maltin fuq id-daqs tal-pajjiż. Ikteb bejn 80 u 90 kelma. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fil-perfett u fit-tielet persuna. (5 marki)

4. X'taħseb li kellu f'moħħu l-awtur meta kiteb: "Il-vojt, għal darba oħra, irid jimtela. Il-pajjiż kbir wisq u hemm bżonn jiċċekken ftit ieħor." (par. 5) Agħti raġuni għaliex taħseb hekk. Ikteb mhux inqas minn 50 kelma. (3 marki)

5. L-awtur qiegħed jidentifika problema fil-mentalità tal-Maltin. X'inhi din il-problema u wara agħti soluzzjoni possibbli għaliha. Ikteb mhux inqas minn 50 kelma. (3 marki)

6. Minn dan li għadek kemm qrajt, x'taħseb li hu t-ton tal-awtur? Għaliex taħseb li qed juża dan it-ton? Ikteb mhux inqas minn 50 kelma. (3 marki)

**(Total: 20 Marka)**

**Taqsima Ċ: IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma.**

1. Is-semantika lessikali tiffoka fuq l-analiżi tat-tifsir tal-kliem u bejn il-kliem. F'dan il-kuntest tkellem dwar is-sinonimija, l-antonimija u l-omonimija. Għid x'inhuma, kif jiddistingwu ruħhom minn xulxin u kif jistgħu jinħolqu. Agħti eżempji mill-Malti biex issaħħaħ dak li tgħid.

*JEW*

2. Il-lingwa mhix xi ħaġa statika. Maż-żmien il-kliem f'lingwa jista' jakkwista tifsira ġdida jew jibdel it-tifsira li jkollu. Tkellem dwar il-metafora, l-analoġija u l-metonimija bħala mekkaniżmi li għandhom sehem importanti fil-proċess tat-tibdil fit-tifsir tal-kliem. Saħħaħ l-argumenti tiegħek permezz ta' eżempji mill-Malti.

**(Total: 20 Marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | II |
| DATA: | |
| ĦIN: | **3 Sighat** |

**LETTERATURA A**

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Taqsima A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma.**

1. Il-mewt u s-solitudni huma żewġ temi ewlenin li jispikkaw fil-poeżija ta' Oliver Friggieri fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*. Iddiskuti x-xbihat u l-metafori li jinqeda bihom biex jittrattahom.

*JEW*

2. Ir-rabta bejn poeżija u oħra tixhed kontinwità tematika u stilistika. Ikkummenta b'referenza għall-kitba ta' Oliver Friggieri f'*Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*.

**(Total: 20 Marka)**

**Taqsima B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma.**

1. Maria Grech Ganado tistqarr li Simone Galea "tirrappreżenta lin-nisa Maltin f'kulma tikteb, mhux biss għax leħinha huwa intrinsikament dak ta' mara, imma wkoll għax ix-xbihat tagħha għandhom is-saħħa ta' xbihat marbutin mal-kultura Maltija – il-baħar, ir-riħ, is-sajf, il-ġewlaq, l-immigranti klandestini." Iddiskuti dawn ix-xbihat billi tirreferi għal uħud mill-poeżiji li studjajt.

*JEW*

2. Ikkummenta fuq kif il-vuċi poetika ta' Simone Galea tiddjaloga mat-testi poetiċi ta' poeti bħal Ružar Briffa, Marjanu Vella, Victor Fenech, Achille Mizzi u Ġorġ Borg. X'tip ta' perċezzjoni ġdida tipproponi?

**(Total: 20 Marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**Taqsima Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA**

**Agħżel silta WAĦDA u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma.**

**F'dan it-taħriġ tippruvax tagħmel sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta' proża trid tistħarrigħa fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b'liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.**

Wara, Evelyn ġarrbet rimors kbir għall-imġiba tagħha. Xorta baqgħetilha fit-tifkira bħala mument maġiku f'ħajjitha li qatt ma kellu jirrepeti ruħu. Qerret id-dnub tagħha kemm-il darba, għaddiet minn suspetti u biża' dwarha nnifisha, dwar x'inhi twettaq fil-ħajja. Tkellmet fit-tul ma' konfessuri u superjuri, għamlet kemm-il tewba. Qatt ma reġgħet iltaqgħet ma' Fanny. F'waqt minnhom, din kienet wegħditha li se tiktbilha. Qatt ma għamlet hekk.

Semgħet xhur wara bil-mewt ta' omm Fanny u meta komplew is-snin jagħfsu, mill-ġdid xhur tard, bil-mewt ta' Fanny innifisha, bl-istess marda bħal ta' ommha. Għaddew sentejn u kienet Malta għal btala. Ħadet deċiżjoni ħin bla waqt: biss kienet deċiżjoni li ilha meħuda sa minn meta saret taf li Fanny mietet, u baqgħet ċassa għal xi ħin taħseb f'ħabibitha b'qawwa li kien ilha s-snin ma taqbadha: marret iżżur lil missier Fanny, li kien għadu ħaj, jgħix għand waħda mill-bniet miżżewġa tiegħu. La hu u lanqas il-familja ta' bintu ma fehmu sew għaliex din is-soru ġiet iżżurhom, lanqas meta fissritilhom dwar kif Fanny kienet ħaditha fil-ħanut ta' Harrods. Fis-salott fejn laqgħuha, taħt vetrini antiki stivati bi platti u buqari taċ-ċaqquf, urewha ritratti ta' Fanny meħuda fl-istess żmien bħal meta telgħet Londra: żagħżugħa sabiħa u fuq ruħha, maħkuma minn ħafna burdati. Għaddiet xi ħin tħares lejn ir-ritratti li għaddewlha, siekta, għall-ewwel tipprova waqt li tgħid dak li kienu qed jistennewha tgħid, f'qalbha titlob it-talb li jservi għas-suffraġju ta' erwieħ il-mejtin. Imma malajr siktet għalkollox u b'uġigħ kbir f'għajnejha, baqgħet tħares lejn ir-ritratti.

Kif tinsab siekta, lanqas titlob issa, bilqiegħda f'dal-bank ta' Hyde Park fejn l-umdità żdiedet, il-ġilwa ta' turisti Ġappuniżi nbidlet f'sensiela ta' nies tal-belt li ġew jagħmlu l-eżerċizzju billi jiġru mal-mogħdijiet, u fil-bogħod tas-Serpentina, ġemgħat ta' papri qed jersqu qrib ta' żewġ familji li qed iżoqquhom b'ikel li ġabu magħhom. Donnu qed jaqa' d-dlam. Tgħid reġgħet marret għajnha biha hi u tpoġġi hawn? Dan l-aħħar…

Fehmet li llum ukoll, mhix se taqsam dil-fruntiera ta' ħdura u meded ta' ilma bejnha u l-ħanut il-kbir fejn ħaditha Fanny. Kienet tewba li imponiet fuqha nnifisha bla ħadd ma qalilha, matul dawn is-snin kollha, u anki meta kellha tmur fl-isptar tal-Marsden, li jiġi fl-istess direzzjoni, kienet tieħu l-underground sa Gloucester Road, biex tiżgura li ma taqax għat-tentazzjoni li tagħmel l-istess mixja li kienet għamlet ma' Fanny. Għajjiena issa, għalkemm ma tafx minn xiex, u bil-lajma bħalma ġiet, reġgħet lura lejn id-Dar. Kienu waslu xi nies ġodda u fil-ħamba ċkejkna li għamlu ħadd ma ntebaħ li reġgħet lura, kif ħadd ma kien induna li warrbet għal ħin sew.

*(min-novella "Western" ta' Alfred Sant)*

*JEW*

Ir-raġel kien għeja. Bilkemm felaħ jinżel it-taraġ tal-bitħa għal ġol-ġnien fejn iqatta' sagħtejn qabel jerġa' jitla' bil-mod, jieklu, jgħidu r-rużarju u jorqdu. Sa ftit ilu kuljum, xemx u xita, iqalleb, jiżbor u jsaqqi u kull xitla b'isimha Latin li kien kitiblu n-nutar Cini fuq biċċa triplaj marbuta b'kemm kemm firdiferru maz-zokk. U r-rummiena l-ewwel siġra, imbagħad tal-larinġ u l-lumija u xxeblek mas-saqaf tal-guva li qiegħda fir-rokna mal-ħajt li jagħti għat-triq, għoxrin par qabel ma tajjarhom, in-nasplija, li kienet tant għal qalbu u għat-tifla tat-tifel għax kien itiha ħafna n-nannu.

U fin-nofs hemm il-bir. Trid tistenna s-sabta taż-żingu jfaqqa' mad-dlam, tħoss il-ġibda tal-piż illixkat u tiġbed bis-saħħa, mhux ħafna għaliex il-barmil jista' jitbandal u twaqqa' nofsu u trid terġa' terħilu mill-ġdid. U maż-żaqżiq tat-tarjola ttella' bil-mod u hekk kif tħossok għejejt u ma tistax iżżomm aktar tidher l-għoqda tal-ħabel, ix-xoffa u fl-aħħar ifeġġ, tiskanta, dak l-ilma ċar jiżfen fid-dawl minn ġol-ħondoq t'hemm isfel.

U x'ma tixrobx! Dawk ħrejjef t'ommok. Is-sallur joqtol l-insetti. Daqs il-wiża' nadif u min qallek l-iskola li jġib il-ġdiem injorant miskin.

Refa' rasu lejn is-sema. Ħa nifs qawwi. Alla.

Ma tantx iħossu l-bard u l-flokk tal-flanella jsaħħan iżda aħjar joqgħod attent għaliex l-aħħar li ħa ċmajra dam ġimgħa fis-sodda u n-nervi kiluh u Pawlina issa xjaħet. Pawlina. Żmagajt, kienet iċċanfru biex forsi jisma', u trid tagħmilha ta' xi wieħed t'għoxrin sena, tiela' u nieżel, ibża' għal saqajk, qallek ibnek, kollu strapazz, u jekk ma jifhimx hu, tabib, min jifhem, Leli tal-ħanut li dejjem irid il-ħabaq u t-tursin? Jixtrih! Beċċun int. Dak il-ġnien għad joqtlok!

Tgħid veru qiegħed niżmaga? Toni qalli ma nivvintax. Tabib iżda ibni wkoll. Veru li xi kultant nitbellah u niċċajta. Biex indaħħaqhom. Kemm għoxiet iż-żgħira meta rat lin-nannu jbus lin-nanna u hi waddbitlu l-biċċa tal-platti taparsi bl-herra u kif ħatafha beda jdawwarha bħal tat-toru u jirrakkonta meta kienu Spanja. Kienu neżlin lura lejn Malta u kienu waqfu għal ġimagħtejn għax il-vapur kienet ġratlu ħsara kbira u fis-sakra kien hemm Ġiġi, Alla jtih il-ġenna, li ried jaqbeż ġol-arena u kemm daħqu għad li mill-barri tiġik ħniena tarah jitbiċċer, bid-demm iqattar minn ħalqu, għajnejh imberrqa, jilheġ u jsabbat, sakemm fl-aħħar idaħħlulu x-xabla, twila twila, sal-manku, u jaqa'. Imbagħad ikaxkruh 'il barra u fit-trab iħalli bħal tranja ħamra warajh…

It-tisbita tal-purtella ħasditu. Kien qiegħed iqum ir-riħ. Dik il-ganġetta ilu ż-żmien biex isewwiha.

*(min-novella "Il-Bir" ta' Henry Holland)*

**(Total: 20 Marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | III |
| DATA: | |
| ĦIN: | **3 Sighat** |

**LETTERATURA B**

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Taqsima A: IR-RUMANZ**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta’ bejn 450 u 500 kelma.**

1. Tkellem dwar ir-relazzjonijiet ta’ mħabba problematiċi fir-rumanz *Ħelsien* ta’ Ġużè Bonnici: bejn Feliċ u Rożina, bejn Paċikku u Madliena, u bejn l-avukat Lorry u Rożina. Kemm taħseb li hemm taqbida bejn l-imħabba idealizzata, l-ambizzjonijiet personali u l-egoiżmu f'dawn it-tliet relazzjonijiet?

*JEW*

2. Iddiskuti l-karattru kumpless ta' Paċikku fir-rumanz *Ħelsien* ta’ Ġużè Bonnici. Stħarreġ l-imġiba, il-ħsibijiet u d-diskors dirett tiegħu, u l-modi differenti kif iħarsu lejh il-karattri l-oħrajn.

**(Total: 20 Marka)**

**Taqsima B: IN-NOVELLI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta’ bejn 450 u 500 kelma.**

1. Fin-novelli ta' Trevor Żahra f'*Xemgħat*, hemm bosta karattri li huma deskritti b’mod frammentat. Kif jinbnew mill-inqas tnejn minn dawn il-karattri? X'tekniki qed jintużaw?

*JEW*

2. Skont Mario Cassar, Trevor Żahra jħobb “jabbanduna l-linearità u jirrakkonta n-novelli tiegħu b’ħafna alternanzi, qtugħ u digressjonijiet.” X'inhuma l-effetti li jinħolqu b'dawn l-istrateġiji narrattivi fin-novelli ta' *Xemgħat*?

**(Total: 20 Marka)**

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**Taqsima Ċ: ID-DRAMM**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma.**

1. Id-dramm *Karnival* ta' Francis Ebejer donnu jippreżenta l-ġdid kontra l-qadim, it-tradizzjoni kontra l-modernità. Taħseb li dan huwa ritratt tajjeb tad-dramm, jew din hija interpretazzjoni superfiċjali?

*JEW*

2. Kif tinterpreta l-funzjoni tal-Maskerat fid-dramm *Karnival* ta' Francis Ebejer? X'dawl jixħet il-karattru tiegħu fuq karattri oħrajn?

**(Total: 20 Marka)**